MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1501/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Fiteni u l-istess Mario Fiteni I.D. 511263(M)**

**Vs**

**Paul Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Lulju 2005 fejn l-atturi talbu l-hlas ta' erbgha mija u disghin Liri Maltin (Lm490), in kwantu ghal tlett mija u disghin Liri Maltin (Lm390) dovuta lis-socjeta' atturi u in kwantu ghal mitt Lira Maltija (Lm100) dovuta lill-attur Mario Fiteni, rapprezentanti danni sofferti meta l-konvenut kien qed isuq vettura numru AAR 519 u habat mal-vettura DAI 927

proprjeta’ ta’ l-attur Mario Fiteni, incident li sehh fit-18 ta’ Gunju 2004 fir-Rabat, bl-ispejjes u bl-imghax kif hemmhekk mitluba;

Ra r-risposta tal-konvenut Paul Dimech tal-5 ta’ Ottubru 2005 fejn ppremetta illi t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident sehh minghajr htija da parti tieghu u sehh biss b’negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta l-atturi;

Semgha x-xhieda ta’ Local Warden G265, ta’ l-attur Mario Fiteni u tal-konvenut Paul Dimech, filwaqt illi ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti mix-xhieda u mill-partijiet;

Ra d-dikjarazzjoni maghmula minn Dr Ramona Frendo ghall-konvenut fil-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Jannar 2006, fejn gie dikjarat illi l-quantum tad-danni li kienu qed jigu mitluba mhux qed jigu kkontestati;

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-abbli Avukati difensuri;

Ra illi fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2006, l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1) Illi kif jidher mill-isketch (a fol 17 u dak a fol 26) ukoll esebit mill-Warden G265, il-vettura DAI 927 ta’ l-attur Mario Fiteni kienet hierga mit-triq taghha fuq il-lemin tat-triq meta postha kien fuq ix-xellug ta’ istess triq, manuvra zbaljata illi zgur ukoll ikkontribwiet biex naqqset il-vizwali ta’ l-istess attur mit-triq illi kien hiereg fuqha, nkluz illi naqqset il-possibilita’ illi jara l-vettura tal-konvenut gejja sabiex forsi kien jigi evitat l-incident;

2) Illi fix-xhieda tieghu, l-attur Mario Fiteni jghid illi huwa ried jikser fuq il-lemin, ossia minn fejn kienet gejja l-vettura tal-konvenut. Jghid ukoll illi ma kienx wieqaf kompletament izda kien hiereg naqra naqra, u di fatti jghid illi waqt illi kien hiereg, huwa ma rax il-vettura tal-konvenut;

3) Illi kif jikkonferma l-konvenut Paul Dimech, meta sehhet il-habta huwa kien hiereg “u qabez nofs it-triq sew.”

It-Tribunal ghalhekk iqis illi meta l-attur Mario Fiteni gie biex johrog ghal fuq it-triq minn fejn kien gej il-konvenut, l-attur ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji, ma zammx fuq ix-xellug tat-triq u kien biss minhabba nuqqasijiet fis-sewqan imputabbli lill-attur Mario Fiteni illi sehh l-incident.

Illi d-diffikulta’ illi seta’ kellu l-istess attur sabiex johrog mit-triq tieghu ghal fuq it-triq tal-konvenut minhabba l-hajt li jinsab fuq il-lemin ta’ l-istess triq illi kien hiereg minnha, kienet titfa’ aktar responsabilta’ fuqu illi jzomm mar-regolamenti tat-traffiku, fosthom illi jzomm fuq ix-xellug tat-triq u mhux johrog minn fuq il-lemin taghha. Kellu ukoll l-attur jieqaf ghal kollox sabiex isegwi t-traffiku illi kien gej mit-triq li kien hiereg fuqha u mhux johrog “naqra naqra”, minghajr ma jieqaf.

Ghaldaqstant it-Tribunal, fid-dawl ta’ dan kollu u wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha, ix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti, b’ekwita’ jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-attur Mario Fiteni kien responsabbli ghall-incident stradali mertu ta’ din il-kawza, u filwaqt illi jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad t-talbiet ta’ l-atturi.

Bl-ispejjes kollha kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------